IL-FGURA

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Il-Fgura

## Laqgħa Nru. 52/2016

Data: It-Tlieta 22 ta' Novembru, 2016

Hin: 18:30 hrs

Post: 68, 'Dar il-Kunsill', Triq il-Karmnu, Il-Fgura

| | |
|---|---|
| Preżenti: | Dr. Byron Camilleri – Sindku |
| | Sur Ray Deguara – Kunsillier<br>Sur Saviour Camilleri -Kunsillier<br>Sur Charles Bonello – Kunsillier<br>Sur Ryan Ellul – Kunsillier<br>Sur Mark Lombardo - Kunsillier |
| | Sra Beverly Saliba - Segretarju Eżekuttiv |
| Skużati: | Sur Pierre Dalli –Viċi Sindku<br>Sur Jesmond Zammit - Kunsillier<br>Sur Rene' Zammit – Kunsillier |
| Assenti: | L-ebda Kunsillier. |

## AĠENDA

1. **MINUTI**
2. **PUNTI MQAJMA MILL-MINUTI**
3. **KORRISPONDENZA**
4. **PURCHASE REQUEST FORMS**
5. **ĦLASIJIET**
6. **MEMOS U KOMUNIKAZJONI MID-DIPARTIMENT TAL-GVERN LOKALI**

**7. TENDERS, QUOTATIONS, KUNTRATTI U OFFERTI**

**8. PROĠETTI, TOROQ U XOGĦOLIJIET INFRASTRUTTURALI**

**9. KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU**

**10. PROGRESS TA' ĦIDMA MILL-MEMBRI TAL-KUNSILL**

**11. ILMENTI U TALBIET LILL-KUNSILL**

**12. TRAFFIC MANAGEMENT**

**13. ATTIVITAJIET, INIZJATTIVI**

**14. STAFF**

**15. MOZZJONIJIET**

**16. MISTOQSIJIET**

**17. AĠĠORNAMENT**

## Minuti - 52/2016

## 1. Qari u approvazzjoni tal-Minuti

**1.1** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 4401/16/7 "Sabiex jiġu approvati Minuti 24 t'Ottubru, 2016 hekk kif emendati - 22/11/2016 26 ta' Settembu, 2016". Din kienet sekondata mis-Sur S Camilleri. Ittieħed vot.

Approvazzjoni tal-Minuti

Il-mozzjoni ref: 4401/16/7 ġiet approvata unanimament.

## 2. Punti mqajma mill-Minuti

**2.1** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 4402/16/7 sabiex jiġu emendati Minuti 24 t'Ottubru 2016 fejn f'punt 4.1 jiġi mibdul minn Pierre Camilleri għal Pierre Dalli. Din kienet sekondata mis-Sur S Camilleri. Ittieħed vot.

*Emenda*

Il-mozzjoni ref: 4402/16/7 ġiet approvata unanimament.

## 3. Korrispondenza

**3.1** Ma tqajjem ebda punt f'dan ir-rigward.

## 4. Purchase Request Forms

**4.1** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 4403/16/7 "Sabiex jiġu approvati PRFPO for CM22/11/16" (ara 'DOK A' anness). Din kienet sekondata mis-Sur R Deguara. Ittieħed vot. *PRFPO*

Is-Sur S Camilleri ddikjara interess pekunarju fir-rigward ta' Mark Camilleri u ħareġ mill-kamra fis- 18:38 u daħal lura 18:40.

Il-mozzjoni ref: 4403/16/7 ġiet approvata unanimament.

## 5. Hlasijiet

**5.1** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 4404/16/7 "Sabiex jiġu approvati ħlasijiet 25/10/16 sa 15/11/16". (ara 'DOK B' anness). Din kienet sekondata mis-Sur R Deguara. Ittieħed vot. *Approvazzjoni tal-ħlasijiet*

Is-Sur S Camilleri ddikjara interess pekunarju fir-rigward ta' D Xquisite Pasticerria u ħareġ mill-kamra fis-18:42 u daħal lura 18:45.

Il-mozzjoni ref: 4404/16/7 ġiet approvata unanimament.

**5.2** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 4405/16/7 "Sabiex jiġu approvati ħlasijiet 16/11/16 sa 22/11/16 (ara 'DOK C' anness). Din kienet sekondata mis-Sur R Deguara. Ittieħed vot. *Approvazzjoni tal-ħlasijiet*

Il-mozzjoni ref: 4405/16/7 ġiet approvata unanimament.

Is-Sur S Camilleri daħal lura fil-kamra.

## 6. Memos u Komunikazzjoni mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali

**6.1** Ma ġiet diskussa ebda memo.

## 7. Tenders, Quotations, Kuntratti u Offerti

**7.1** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 4406/16/7 "Sabiex il-Kunsill juża s-servizz tas-Sur Svetlick Flores għal assistenza dwar l- Electronic Public Procurement System (EPPS) skont kif anness." Din kienet sekondata mis-Sur S Camilleri. Ittieħed vot. Public Procurement System (EPPS)

Favur: Sindku, R Deguara, Sur S Camilleri u Sur R Ellul.

Kontra: Charles Bonello
Astenzjonijiet: Hadd

Tender għas-Soft Areas

Il-mozzjoni ref: 4406/16/7 ġiet approvata b'erba' voti favur, vot kontra u l-ebda astenzjoni.

**7.2** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 4407/16/7 "Sabiex fid-dawl li l-Kunsill qabel illi joħroġ tender għal soft areas u billi dan ser joħroġ fil-ġimgħat li ġejjin hekk kif is-Segretarju Eżekuttiv ingħatat aċċess għall-etendering propju ftit tal-jiem ilu. Dan il-Kunsill jiddeċiedi li jġedded SA-17-14 f'sitt xhur." Din kienet sekondata mis-Sur S Camilleri. Ittieħed vot.

Is-Sur C Bonello ddikjara interess pekunarju fir-rigward ta' WM Envirionmental Ltd u ħareġ mill-kamra fis- 18:49 u daħal lura 18:52.

Il-mozzjoni ref: 4407/16/7 ġiet approvata unanimament.

Is-Sur C Bonello daħal lura fil-kamra.

Is-Sur M Lombardo daħal fil-kamra fis-18.53

## 8. Proġetti, Toroq u Xogħolijiet Infrastrutturali

**8.1** Is-Sindku tkellem dwar il-proġett tac-Civic Centre fejn informa lill-kamra, li wara l-laqgħa b'urġenza fejn twaqqaf il-Perit James Mifsud, ix-xogħol issa miexi minn Dplan Architects. Kopja tal-pjanti ġew esebiti. (Ara Dok D). Is-Sindku informa lill-Kunsill illi l-Kunsill għandu jirċievi l-bills of quantities fil-ġimgħat li ġejjin.

**8.2** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 4408/16/7 "Sabiex isir patching quddiem 18, Triq l-Għollieq". Din kienet sekondata mis-Sur S Camilleri. Ittieħed vot. *Patching fi Triq l-Għollieq*

Il-mozzjoni ref: 4408/16/7 ġiet approvata unanimament.

**8.3** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 4409/16/7 "Sabiex tiġi rranġata bankina quddiem 62, Triq Liedna". Din kienet sekondata mis-Sur S Camilleri. Ittieħed vot. *Triq il-Liedna*

Il-mozzjoni ref: 4409/16/7 ġiet approvata unanimament.

## 9. Komunikazzjoni mis-Sindku

9.1 Is-Sindku informa lil-kamra li ser isir xogħol ta' murali ħdejn l-HSBC skont l-isketch provdut waqt il-laqgħa. Is-Sur S Camilleri u s-Sur M Lombardo qablu li għandha tiżdied il-liedna mal-isketch kif preżentat. *Murals*

9.2 Is-Sindku nforma lill-kamra li fis- 7 ta' Novmebru, 2016, attenda għal seduta għand il-MEPA dwar it-talba ta' descheduling tar-razzett l-antik li hemm fi Triq Hompesch. Illi l-Kunsill kien diġa ħa pożizzjoni dwar din il-materja permezz ta' rapport tal-Perit Edward Said. Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi t-talba għal desheduling ġiet miċħuda. *Razzett l-antik fi Triq Hompesch*

9.3 Is-Sindku rrefera għal Budget 2016, fejn tkellem fuq il-Proġett Ambjentali u Sportiv ġewwa l-Lokalita' tal- Il-Fgura. Informa li dan il-proġett ser jaqa' taħt id-dikasteru tas-Segretarjat tar-Riċerka, Innovazzjoni, Żgħażagħ u Sport. Kompla jgħid li fit-12 ta' Diċembru, 2016 ser jiltaqa' mas-Segretarju Parlamentari biex jara kif ser isir il-proċess ta' kif ser jitwettaq dan l-istess proġett. *Proġett Sportiv Triq Valperga*

9.4 Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 4410/16/7 "B'referenza għat-talba annessa, l-Kunsill japprova t-talba tal-Girl Guides". Din kienet sekondata mis-Sur S Camilleri. Ittieħed vot. *Girl Guides*

Il-mozzjoni ref: 4410/16/7 ġiet approvata unanimament.

## 10. Progress ta' Hidma mill-Membri tal-Kunsill

10.1 Ma tqajjem l-ebda punt f'dan ir-rigward.

## 11. Ilmenti u Talbiet lill-Kunsill

Ma tqajjem l-ebda punt f'dan ir-rigward.

## 12. Traffic Management

12.1 Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 4411/16/7 "Sabiex isir double yellow line quddiem garage 48, Triq il-Klerku". Din kienet sekondata mis-Sur R Deguara. Ittieħed vot. *Yellowline fi Triq il-klerku*

Il-mozzjoni ref: 4411/16/7 ġiet approvata unanimament.

12.2 Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 4412/16/7 " Sabiex fid-dawl illi TM qed taħdem fuq proġett fejn ikun hemm charging electrical points għal vetturi li jaħdmu bl-elettriku f'kull lokalita'. Il-Kunsill jissuġerixxi fi Triq Mater Boni Consilii, biswit il-bandli tal-lokal, quddiem iż-żona fejn kien hemm il-bring in sites". Din kienet sekondata mis-Sur S Camilleri. Ittieħed vot. *Charging Electrical points*

Favur: Sindku, Sur R Deguara, Sur S Camilleri, Sur C Bonello u Sur R Ellul.

Asstenzjoni: Is-Sur M Lombardo.

Il-mozzjoni ref: 4412/16/7 għaddiet b'ħames voti favur u asstenzjoni waħda.

## 13. Attivitajiet , Inzjattivi

**13.1** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 4414/16/7 "Sabiex issir attivita flimkien mal-abbatini nhar it-30 ta' Diċembru. Budget €350". Din kienet sekondata mis-Sur S Camilleri Ittieħed vot.

Attivita' mal - Abbattini

Il-mozzjoni ref: 4414/16/7 ġiet approvata unanimament.

**13.2** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 4415/16/7 "Sabiex jintbagħat flyer fil-Fgura u lokalitajiet tal-madwar Raħal Ġdid u Tarxien, sabiex jippromovi l-attivita "Taħt is-siġra tal-Milied" tat-18 ta' Diċembru". Din kienet sekondata mis-Sur S Camilleri. Ittieħed vot.

Flyer

Il-mozzjoni ref: 4415/16/7 ġiet approvata unanimament

**13.3** Is-Sindku ressaq Resoluzzjoni ref: 4416/16/7 "Sabiex il-Kunsill jipparteċipa f'inizjattiva fejn jinġabar ikel għad-dar tat-tfal tal-Ursolini ġewwa Ħal Tarxien". Din kienet sekondata mis-Sur S Camilleri. Ittieħed vot.

Jinġabar l-ikel għad-dar tat-tfa; tal-Ursolini ta' Ħal Tarxien.

Il-mozzjoni ref: 4416/16/7 ġiet approvata unanimament.

## 14. Staff

**14.1** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 4417/16/7 "Sabiex l-impjegata Cynthia Plumpton titla' minn Notch 5 għal Notch 6 skont il-collective agreement (Skala 10) b'effett mill-1 ta' Novembru 2016." Din kienet sekondata mis-Sur S Camilleri. Ittieħed vot.

*Cynthia Plumpton biex titla' Notch*

Il-mozzjoni ref: 4417/16/7 ġiet approvata unanimament.

## 15. Mistoqsijiet

**15.1** Ma saret ebda mistoqsija.

## 16. Aġġornament.

**16.1** Il-laqgħa ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta 20 ta’ Diċembru, 2016, fis-18:30 hrs.

Il-laqgħa ntemmet fis-19:35 hrs.

IFFIRMATA

*Dr. Byron Camilleri*
*Sindku*

IFFIRMATA

*Sinjura Beverly Saliba*
*Segretarju Eżekuttiv*

Data: 22 *ta’ Novembru, 2016*